# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 128/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Gaspare DELIA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell magħmul minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 t'April 2019 fil-konfront ta' Gaspare DELIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 262967M) li ġie mixli (in suċċint) talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-17 t'April 2002 u f'dawk l-aħħar tliet xhur qabel dik id-data, f'Ħaż-Żabbar u f'partijiet oħra f'dawn il-Gżejjer:
    i. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu;
    ii. Ikkultiva l-pjanta cannabis;
    iii. Ikkommetta dawn ir-reati f'post jew ġewwa ċentru u/jew f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena, tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż fis-sensi tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminal.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant mhux ħati tal-imputazzjoni ta' pussess tal-pjanta cannabis f'ċirkostanzi li juru li din ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu iżda sabitu ħati biss tal-pussess "sempliċi" tal-istess pjanta kif ukoll sabitu ħati tar-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta cannabis. Inoltre, ġaladarba l-Prosekuzzjoni kienet irtirat it-tielet imputazzjoni, dik il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha. Inoltre ordnat id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti fl-atti filwaqt li ma kkundannatx lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż peritali in kwantu dawn in-nomini kienu saru fl-istadju tal-inkjesta li ġiet kondotta qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XIII tal-2005.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Gaspare DELIA appella minn din is-sentenza, limitatament dwar il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-esponenti ġie illiberat mill-ewwel akkuża u tikkonfermaha wkoll in kwantu għat-tieni akkuża billi tapplika piena anqas ħarxa fiċ-ċirkostanzi, u dan wara li in suċċint, stqarr li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jsaħħaħ dan l-argument billi jżid li dan ma kienx każ li kien jimmerita priġunerija effettiva in kwantu kienu jeżistu l-ingredjenti kollha biex tingħata piena differenti minn din. Kien każ li kien ilu jkaxkar mill-2002, l-appellant kien baqa' għaddej b'ħajtu u illum huwa raġel ta' ċerta eta. Kwantu għas-sejba ta' cannabis, din kienet waħda ta' ftit grammi ta' ħaxix imnixxef u tliet xtieli. L-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprefiġġi parametri ristretti li jinkludu pjanta waħda iżda din kienet trid tinqara mal-element l-ieħor imsemmi f'dak l-artikolu li d-droga misjuba trid tkun t'ammont żgħir. Ġaladarba l-ammont ta'

droga misjuba kienet wieħed żgħir, l-appellant jikkontendi li l-fatt li nstabu aktar minn pjanta waħda kien immaterjali. Il-leġislatur ried li jikkontrolla l-ammont u mhux in-numru fis-sens li l-ammont ta' pjanta waħda kellha tittieħed in konsiderazzjoni meta l-ammont misjub ma jkunx jammonta għal "ammont żgħir". Inoltre l-iżviluppi soċjali waslu għal bidla fil-mod kif is-soċjeta tħares lejn dawn it-tip ta' reati fis-sens li anke bid-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta l-enfażi f'dawn il-każijiet ta' sejbien ta' ammonti żgħar ta' droga hija fuq ir-rijabilitazzjoni tal-pussessur aktar milli r-ripressjoni u r-retribuzzjoni tiegħu. Il-Liġi in kwistjoni għalhekk kellha tingħata interpretazzjoni aktar wiesa minn dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ. Inoltre dan il-ġudizzju jikkontrasta mal-iżviluppi legali li laħqu saru fejn persuni li jkunu f'pussess ta' drogi aktar qawwija (hard drugs) bħal kokajina, herojina u ecstasy jkunu jistgħu jingħataw trattament taħt il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta mentri każ bħal dan fejn instabu ftit grammi ta' ħaxix tal-cannabis u tliet pjanti tal-cannabis żgħar bilfors riedet tingħata piena ta' priġunerija. Dan mhux ġust, jilmenta l-appellant.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ, jirriżulta li verament dik il-Qorti għamlet l-istħarriġ tagħha dwar jekk setgħetx tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta f'dan il-każ. Fil-fatt, taħt it-subtitolu "Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena" dik il-Qorti qieset li kwantu għax-xtieli misjuba fil-pussess tal-imputat appellant kienu jammontaw għal tlieta, li pero kienu żgħar u mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta li l-weraq tal-akbar xitla fosthom kellhom piż ta' 1.518 grammi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rat ukoll pero li l-ammont ta' dawn il-pjanti kien ta' tlieta u b'hekk, minkejja li l-piż tal-ħaxixa cannabis kien wieħed żgħir, xorta jibqa' l-fatt li l-appellant kellu aktar minn pjanta waħda li kien qiegħed jikkoltiva. Skont dik il-Qorti dan ma kienx jippermettilha li tapplika fil-konfront tal-imputat appellant l-attenwanti tal-piena kontemplata fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, kif kien fiż-żmien meta dik il-Qorti kienet qegħda tgħaddi ġudizzju.

5. Fil-fatt dak l-artikolu oriġinarjament kien jaqra hekk : -

Persuna li tinsab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġettta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga.

6. Qari ta' din id-disposizzjoni turi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fl-interpretazzjoni mogħtija minnha. F'dan il-każ, għalkemm hija sabet li l-ammont ta' droga misjuba kienet kompatibbli mat-teżi tal-imputat appellant fis-sens li kienet għall-użu esklussiv tiegħu, xorta waħda pero l-ammont ta' pjanti misjuba kienu ta' aktar minn waħda. B'hekk dik il-Qorti ma setgħetx tapplika favur l-imputat appellant il-benefiċċju mogħti minn dak l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens li fil-każ ta' persuna misjuba ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qort tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġettta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga.

7. B'hekk fil-każ tal-appellant, dik il-Qorti, dak iż-żmien kienet kostretta li tapplika fil-konfront tiegħu dak li l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprevedi mhux biss fil-każ ta' pussess sempliċi ta' ħaxixa tal-cannabis għal użu personali, iżda wkoll għal dak li kien ir-reat tal-kultivazzjoni tal-pjanta tal-cannabis. Tant hu hekk li dik il-Qorti, fid-deċide tagħha tiċċita mhux biss l-artikoli 8(ċ) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta li joħolqu r-reati ta' kultivar u pussess tal-pjanta cannabis (moqri flimkien mar-regolament 9 tal-Liġi Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta) iżda wkoll l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn huma wkoll kwalifikati bl-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fejn allura dik il-Qorti kienet qegħda tirravviża li meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet qegħda tqis li bejn dawn iż-żewġt reati kien hemm ir-rabta ta' mezz għall-fini b'dan pero li r-reat ta' kultivazzjoni kien ir-reat l-aktar gravi.

8. F’dan il-kuntest, ir-riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-artikolu 22(2)(b)(i) **u** (ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta mhix każwali. Fil-waqt li r-reat tal-pussess tal-cannabis għal użu personali kien sanzjonat taħt l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, u għalhekk suġġett għall-priġunerija għal żmien ta’ mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, il-piena applikabbli għar-reat ta’ kultivazzjoni fis-sensi tal-artikolu 22(2)(b)(i) kienet dik ta’ priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).

9. Dan jidher li ġie wkoll konċess mid-Difiża matul il-kors tat-trattazzjoni tagħha meta tgħid li “Veru l-Qorti tefghatu fil–minimu, pero’ l-minimu li huwa six months ghal nies bhall-appellant huwa dizastru”.

10. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet kostretta li teroga din il-piena in kwantu dak iż-żmien li ingħata dik is-sentenza, ir-reat ta’ kultivazzjoni tal-pjanta cannabis imsemmi fl-artikolu 8(ċ) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta kien inkluż speċifikament u mingħajr ebda distinzjoni jew kwalifika taħt l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta. B’hekk dik il-Qorti kienet marbuta li tapplika dik il-piena in kwantu ma setgħetx tqis ir-reat ta’ kultivazzjoni tal-pjanta cannabis fis-sensi tal-artikolu 8(ċ) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta bħala li jkun jista’ jaqa’ fil-parametri tal-piena msemmija mill-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew li b’xi mod jista’ jibbenefika minn xi miżura oħra alternattiva għal dik ta’ priġunerija effettiva.

11. Fil-fatt skont l-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta ta’ dak iż-żmien, il-kultivazzjoni – inkluż tal-pjanta tal-cannabis – irrispettivament mill-kwantita ta’ pjanti u l-piż tagħhom u l-kontenut ta’ THC fihom – kien meqjus li jaqa’ fit-tifsira wiesa’ ħafna mogħtija minn dik il-Liġi lill-kunċett ta’ traffikar ta’ mediċina perikoluża fis-sensi ta’ dak il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, bil-konsegwenzi li dan naturalment kien iġib miegħu, inkluż li allura għall-fini ta’ piena jista’ jaqa’ taħt l-artikoli 22(2)(a)(i) jew 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-

Liġijiet ta' Malta u mhux taħt is-sub-paragrafu (ii) taż-żewġt paragrafi (a) u (b) tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Dan għalhekk irid ukoll jinqara, inter alia, fid-dawl ta' dak li jipprovdi wkoll l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li allura kien jipprovdi li

> d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i)[1]

13. Konsegwentement allura l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tinżel taħt il-minimum tal-piena, ma setgħetx timponi sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha, ma setgħetx timponi multa minflok piena ta' priġunerija u l-anqas setgħet tapplika d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation favur tal-imputat appellant. Fi ftit kliem : checkmate.

14. B'hekk l-uniku xaqq dawl li setgħa kellu l-imputat appellant dak iż-żmien kien li jittanta jikkonvinċi lil Qorti tapplika l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tiegħu in kwantu, kif intqal aktar il-fuq, dan l-artikolu kien jagħmel eċċezzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regola msemmija fl-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-fattispecie kien jipprovdu kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qort tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali u b'hekk il-ħati f'dawn iċ-ċirkostanzi ma kellux ikun soġġett għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandux ikun soġġett għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga.

15. Dan huwa wkoll l-argument prinċipali li qajjem l-appellant anke quddiem din il-Qorti. Biss din il-Qorti diġa stqarret li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fl-analiżi li għamlet, kienet korretta fil-mod kif applikat il-piena li kienet kemm fil-parametri stabbiliti fil-Liġi, kif ukoll kienet korretta fil-prinċipju nonche kienet ukoll piena li ma kienetx manifestament eċċessiva stante li kienet piena li fir-rigward tat-terminu tal-priġunerija kienet fil-minimum assoluta

[1] Din il-Qorti mhix sejra tidħol fl-eċċezzjoni prevista għal finijiet ta' trafficking by sharing f'dan il-każ in kwantu ma jirriżultax li jikkwalifika bħala tali.

tagħha filwaqt li kwantu għall-multa imposta kienet ukoll ferm qrib il-minimum assolut li setgħet teroga. B'hekk din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tistax fuq dan il-bażi tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati in kwantu ma kien hemm xejn ħażin fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat**

16. Iżda fil-mori tal-appell, jirriżulta wkoll li l-Liġijiet regolanti d-droga komplew jevolvu u ħadu deriva aktar liberali minn dik li kienet teżisi fiż-żmien meta ġie intavolat dan l-appell. Din il-bixra tirrifletti l-mod kif is-soċjeta oċċidentali b'mod ġenerali – kemm dik Ewropeja kif ukoll dik fil-kontinent Amerikan b'mod partikolari – saret tħares lejn ċerti tipoloġiji ta' reati konnessi mal-kultivazzjoni u l-pussess ta' ħaxixa tal-cannabis, b'mod partikolari fil-kuntest tal-użu personali tal-ġudikabbli.

17. Qabel xejn il-bażi legali tal-argument sollevat fl-appell de quo – in kwantu jistrieħ fuq l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġie milqut direttament bil-fatt li bis-saħħa tal-Att IV tal-2020 tat-28 ta' Frar 2020, dan l-artikolu ġie abrogat. Mela dak il-benefiċċju li kien mogħti lil min kien ikun misjub jikkoltiva pjanta waħda tal-cannabis fis-sens li ma jkunux applikabbli għalih id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma baqgħux aktar applikabbli. Biss hawnhekk l-intenzjoni tal-Leġislatur ma kienetx dik li jirripristina d-deriva repressiva li kien hemm qabel id-dħul fis-seħħ tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta anke kontra min ikun jinstab jikkoltiva sa pjanta waħda tal-cannabis. Anzi bil-maqlub. Fi kliem il-Ministru tal-Ġustizzja, l-Onorevoli Edward Zammit Lewis l-għan ta' din l-emenda kienet issegwi l-emenda prinċipali li ġiet fis-seħħ bis-saħħa tal-Att IV tal-2020 li kienet tolqot direttament il-koltivazzjoni tal-pjanta cannabis għal użu personali direttament fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. Din l-emenda kienet tgħid hekk :

2.L-artikolu 22 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1B) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-kliem "l-koltivazzjoni" għandhom jiżdiedu l-kliem "f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati"; u

(ii) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jgħoddux."

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew taħt l-artikolu 8(ċ)" għandhom jiżdiedu l-kliem "ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati,"; u

(ii) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew taħt l-artikolu 8(ċ)" għandhom jiżdiedu l-kliem "ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati,".

3. L-artikolu 7 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) huwa b'dan imħassar.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw ukoll għall-kawżi pendenti quddiem kwalunkwe qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, kemm jekk fl-ewwel istanza jew appell, fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

19. Fi kliem l-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja l-għanijiet wara dawn l-emendi kienu riflessi fid-dibattitu magħmul fi stadju ta' kumitat fejn huwa rritjena s-segwenti :

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI

*DANGEROUS DRUGS ORDINANCE (AMENDMENT) BILL*

*Skont riżoluzzjoni fis-Seduta Nru 296 tal-Erbgħa, 5 ta' Frar 2020, il-Kumitat iltaqa' biex jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 2 -** Emenda tal-artikolu 22 tal-Ordinanza prinċipali.

***Clause 2 -*** *Amendment of article 22 of the principal Ordinance.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Ministru Edward Zammit Lewis.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Se nispjega ftit l-ambitu ta' din il-klawsola li huwa wieħed ċar, li f'każ ta' kultivazzjoni jew importazzjoni f'ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li l-kultivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, japplikaw dispożizzjonijiet dwar l-Att tal-Probation kif ukoll artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. L-ispjega hija waħda sempliċi. Hemm każijiet il-Qorti kemm fl-istadju tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali kif ukoll fil-Qorti tal-Appelli Kriminali li minħabba li m'hemm l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-ġudikant u f'sitwazzjonijiet fejn għandek kultivazzjoni jew importazzjoni fil-każ tal-cannabis, il-piena karċerarja hija waħda tassattiva.

Smajna wkoll dak li kienu qegħdin jgħidulna l-qrati f'diversi komuniki li kien jirċievi l-predeċessur tiegħi, l-abbli Ministru Owen Bonnici, kif ukoll li rċevejt jien f'dan l-aħħar xahar li l-Qorti kienet qiegħda tinsisti - ovvjament din hija xi ħaġa f'idejn il-leġiżlatur – li tingħata latitudni għaliex ikun hemm każijiet li jimmeritaw mhux biss li tkun *lenient,* imma li tgħid li hemm bżonn iktar trattament għax piena karċerarja lanqas tkun idonea. Jista' jkun hemm għall-argument ordni ta' *probation,* però bi programm jew b'ċerti azzjonijiet fil-konfront ta' dak l-imputat partikolari għall-iskop li wieħed jirriabilitah, mhux iwaqqaflu ħajtu meta dak li jkun qed jagħtih piena karċerarja. Instema' dan l-appell u ovvjament din l-emenda tirrifletti din il-latitudni. Hawnhekk tajjeb ngħid li dan mhux proċess ta' xi dikriminalizzazzjoni u lanqas xi proċess ta' dipenalizzazzjoni. Li qed nagħmlu biss hu li nafdaw il-qrati tagħna b'iktar latitudni inkwantu l-piena idonea u ħassejna li din l-emenda hija tajba.

Milli stajt nara meta ġiet diskussa fil-plenarja, min-naħa tal-Oppożizzjoni wkoll fiehmu l-iskop ta' din l-emenda u mill-mod kif tkellmu dwar dan is-suġġett jidher li hemm qbil li din timxi 'l quddiem. Grazzi.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hi klawsola 2? Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 2 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 3 -** Emenda konsegwenzjali.

***Clause 3 -** Consequential amendment.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Ministru.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Klawsola 3 hija emenda konsegwenzjali għall-Kap. 537 li kien għadda, jekk m'iniex sejjer żball, fl-2014. L-emenda qed issir għaliex hemm inkompatibilità bejn dak li jgħid artikolu 7 u r-raġuni għaliex qegħdin nitolbu l-emenda. Allura biex ma jkollniex problema ta' dispożizzjonijiet kontradittorji, ġie mħassar.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn iktar rimarki? (Onor. Membri: *No)* Il-mistoqsija hi klawsola 3. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 3 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 4 -** Dispożizzjoni transitorja.

***Clause 4 -** Transitory provision.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Ministru.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Din hija klawsola importanti għaliex ħassejna li meta qegħdin nippromwovu dan l-Abbozz, dan għandu japplika mhux biss għall-każijiet il-ġodda imma wkoll għall-każijiet pendenti, kemm dawk li qegħdin fil-prima istanza, fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u kemm fl-Appell. Jekk ma nipproponux din il-klawsola, jekk il-Qorti tħoss li għandha teżerċita din id-diskrezzjoni fil-konfront ta' dawk li għandhom kawżi pendenti bħalissa, ma kenitx tkun tista' teżerċitaha fil-konfront tagħhom. Allura ħassejna li la naqblu ma' din l-emenda fil-prinċipju, la nħossu li hija emenda tajba għal aktar bon amministrazzjoni tal-ġustizzja, għandha tapplika għall-proċeduri pendenti kemm fil-prima istanza u kemm fl-istadju tal-appell.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn iktar rimarki? (Onor. Membri: *No)* Il-mistoqsija hi klawsola 4. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed*.

*Klawsola 4 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

*Klawsola 1 u t-Titolu għaddew nem. con. u ġew ordnati biex isiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

20. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2020 u għandhom impatt sinjifikanti anke fuq dan il-każ. Dan peress li dawn l-emendi, bis-saħħa tal-artikolu 4 ta' dan l-Att IV tal-2020 u bl-intenzjoni espressa tal-Leġiżlatur, għandhom japplikaw ukoll għal dawk il-każijiet li jkunu sub iudice, allur anke fi stadju t'appell bħal ma huwa dan il-każ.

21. L-effett ta' dawn l-emendi allura huwa li l-att tal-koltivazzjoni (inter alia) tal-pjanta cannabis jibqgħu jitqiesu li huma parti mid-definizzjoni ta' traffikar ta' mediċini perikolużi meta din il-koltivazzjoni tkun magħmula f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati. Dan ifisser għalhekk li koltivazzjoni ta' pjanti tal-cannabis li tkun magħmula f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni

**kienet** għall-użu esklussiv tal-ħati ma għadhiex aktar taqa' taħt it-tifsira ta' traffikar ta' mediċini perikolużi skont kif imsemmija fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

22. Dan jidher ukoll li huwa msaħħaħ bil-fatt li dawn l-emendi ġew riflessi wkoll fl-artikolu 22(2)(a)(i) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fejn allura l-pieni maġġorati hemmhekk imsemmija huma issa riżervati għal dawk l-ipoteżi ta' koltivar tal-pjanta tal-cannabis meta din tkun magħmula magħmula f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati. B'dan allura jfisser ukoll li l-ipoteżi ta' koltivar tal-pjanta tal-cannabis meta din tkun magħmula magħmula f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni **kienet** għall-użu esklussiv tal-ħati allura issa ġiet penalizzata taħt l-artikolu 22(2)(a)(ii) jew 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta skont il-każ.

23. F'dan il-każ, fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta li l-appellant kien instab ħati tal-pussess tal-pjanta cannabis għal użu personali filwaqt li sabitu wkoll ħati tal-koltivazzjoni ta' tliet pjanti tal-cannabis f'dan l-istess kuntest. Din il-Qorti tifhem ukoll, minn kliem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) li għalkemm dak iż-żmien il-Liġi ma kienetx tagħmel distinzjoni bejn koltivazzjoni għal użu personali jew mhux għall-użu personali, il-fattispecie tal-każ kienu jindikaw li din il-koltivazzjoni ta tliet pjanti tal-cannabis żgħar misjuba għand l-imputat appellant kienet waħda kwalifikabbli bħala li kienet intiża għall-użu personali tiegħu.

24. Analizzat f'dan id-dawl għalhekk, jirriżulta li l-appellant għandu d-dritt jibbenefika minn dawn l-emendi li daħlu fis-seħħ bl-Att IV tal-2020 b'mod allura li l-att ta' koltivazzjoni tal-pjanti cannabis għall-użu personali tiegħu illum jista' jitqies punibbli taħt l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu issa allura ġie li jaqa' taħt it-tifsira ta' "għall-kull reat ieħor" imsemmi fl-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ġaladarba t-tipoloġija ta' koltivazzjoni tal-pjanta cannabis mill-appellant ma għadhiex aktar kwalifikabbli bħala punibbli taħt l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

25. Dan iġib miegħu konsegwenzi oħra li jinkludu :

(a) Il-parametri tal-piena huma allura dawk stabbiliti bl-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, iġifieri

priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar **jew** multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) **jew** dik il-priġunerija u multa flimkien u f'kull każ li persuna tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett hekk konfiskat għandu, jekk il-qorti hekk tordna, jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdut fl-ordni:

(b) L-att ta' koltivazzjoni tal-pjanti tal-cannabis kommess mill-appellant m'għadux milqut mix-"chapeau" tal-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li

d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):

u dan peress li ma għadux aktar kwalifikabbli taħt is-sub-artikolu (2)(a)(i) jew (2)(b)(i) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk ir-restrizzjoni legali imposta fuq il-Qorti li ma tkunx tista timponi piena taħt il-minimum, sentenza ta' priġunerija sospiża jew sanzjoni taħt l-Att tal-Probation mhix aktar applikabbli fil-każ ta' koltivazzjoni tal-pjanti cannabis għal użu personali.

(c) Iżda b'dan ma jfissirx li issa huwa possibbli min jikkoltiva l-pjanti cannabis għal użu personali jista' jibbenefika minn piena taħt il-minimum fis-sens tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali jew xi sanzjoni taħt l-Att dwar il-Probation in kwantu bl-Att IV tal-2020 xorta ġew introdotti restizzjonijiet legali fuq il-Qorti b'mod li ma tkunx tista' timponi piena taħt il-minimum fis-sens tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali jew xi sanzjoni taħt l-Att dwar il-Probation. Dan peress li l-proviso għall-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta introdott bl-Att IV tal-2020 jgħid hekk :

Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, **id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jgħoddux.**

Ġaladarba dawn id-disposizzjonijiet ma jgħoddux, allura mhux possibbli li dawn jiġu applikati. Mill-banda l-oħra bis-saħħa ta' dan il-proviso ma ġietx eskluża l-fakulta li Qorti ta' Ġustizzja

Kriminali teroga piena ta’ priġunerija fil-forma sospiża tagħha fis-sensi tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali fejn din hija applikabbli.

26. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet legali l-appell ta’ Gaspare DELIA jimmerita li jiġi milqugħ mhux daqstant għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet żbaljata fil-piena erogata minnha iżda minħabba li wara li ingħata dik is-sentenza kien hemm dawn l-iżviluppi legali imsemmija aktar il-fuq li jagħmluha impellenti għal din il-Qorti li tirrevedi s-sentenza mogħtija fid-dawl tal-emendi de quo.

# Deċide

Konsegwentement, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tilqa’ l-appell ta’ Gaspare DELIA billi tibdel biss dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kundannat għall-piena ta’ sitt xhur priġunerija effettivi billi bis-saħħa ta’ din is-sentenza filwaqt li tikkonferma l-imsemmija piena ta’ sitt xhur priġunerija, mill-banda l-oħra bis-saħħa tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li dik is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sena millum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta’ priġunerija. Il-Qorti qiegħda wkoll tagħti spjegazzjoni tal-import ta’ din is-sentenza u qed tispjega lil ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita’ tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija.

Altrimenti safejn mhux mibdul b’din is-sentenza, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**